MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 912/2002

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 1549/02 fl-ismijiet:**

**Reno Tonna**

**Vs**

**Hydrodynamics Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta’ Hydrodynamics Limited fis-7 ta’ Awissu, 2002, li in forza tieghu wara li ppremettiet illi Reno Tonna intavola Sekwestru numru 1549/02 kontra s-socjeta’ rikorrenti nhar it-18 ta’ Lulju, 2002, fl-ammont ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000);

Ipremettiet illi dan il-Mandat ta’ Sekwestru ma giex precedut b’ittra ufficjali sabiex tinterpella lis-socjeta’ esponenti u ghalhekk huwa wiehed intempestiv *ai termini*

tal-Artikolu 836(8)(b) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ipremettiet illi *in ogni* kaz l-ammont imsemmi mis-sekwestrant huwa wiehed eccessiv u bla bazi ta' xejn u in effetti ma hemm l-ebda pretiza sabiex isosstni dan l-ammont u ghalhekk dan il-Mandat m'ghandux jibqa' fis-sehh u dan *ai termini* tal-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti jidher car illi l-azzjoni rikorrenti hija motivata biss mir-rieda taghha li tfendi dak li legalment huwa dovut lis-socjeta' qua sekwestrata mill-istess sekwestrant;

Ipremettiet illi minghajr pregudizzju ghall-premess, *in ogni* kaz is-sekwestrant huwa debitur tas-socjeta' sekwestrata versu ammont li jeccedi dak allegatament dovut mis-socjeta' sekwestranti, u ghalhekk m'hemmx bzonn li l-interessi tas-sekwestrant jigu kawtelati b'zamma ta' flus ghal kollox infondata u bla bazi legali ta' xejn;

Ipremettiet illi dan il-Mandat huwa wiehed frivolu u vessatorju u ghalhekk ghandu japplika l-Artikolu 836(8)(d) tal-Kodici tal-Procedura Civili kontra s-sekwestrant;

Ipremettiet illi *in ogni* kaz il-Mandat odjern sar bi skop wiehed biss u cioe' li jivvessa lis-socjeta' esponenti u sabiex tikkawzala hsara u danni inutili;

Ipremettiet illi ghalhekk din il-Qorti qeghda umilment tigi mitluba sabiex ghar-ragunijiet fuq esposti:

Illi fil-mankanza tar-revoka tal-Mandat odjern in vista tan-natura tal-kaz fejn jistghu jigu sofferti danni ngenti mis-socjeta' sekwestrata ghandha tigi applikata s-sanzjoni tal-Artikolu 838A.

a) Tordna r-revoka tal-Mandat odjern fl-ismijiet fuq imsemmija *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kodici tal-Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) In mankanza ta’ tali revoka tordna li tingieb garanzija xierqa ghal hlas ta’ penali *ai termini* tal-Artikolu 838A tal-Kodici tal-Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Tordna li s-sekwestrant ihallas penali kif stipulat fl-Artikolu 836(8) ghar-ragunijiet fuq imsemmija u *ai termini* tas-subartikoli (b) (c) u (d) ta’ l-istess artikolu.

Rat in-Nota tal-intimat Reno Tonna li in forza taghha ecepixxa illi:

1. Is-socjeta’ rikorrenti qed titlob (a) ir-revoka tal-Mandat in kwistjoni, jew (b) li tingieb garanzija ghall-hlas ta’ penali, u f’tali kaz, (c) tordna l-hlas ta’ tali penali. L-esponenti qed jipprezenta din in-nota skond it-termini tal-Art. 836(3) tal-Kap. 12.

2. Kif jidher mill-istess Mandat, il-partijiet kienu ffirmaw skrittura privata datata 6 ta’ Settembru, 2000, fejn l-esponenti, flimkien ma huh Joseph Tonna, inghataw b’subappalt, xoghol li kellu jsir fl-Isptar San Luqa u kien jikkonsisti fi thaffir ta’ trinek, tqeghid ta’ katusi tad-drenagg u ghoti ta’ konkos u tarmac.

3. Fit-12 ta’ Gunju, 2002, l-esponenti kien baghat ir-rikorrenti ittra rakkomandata fejn talabhom ihallsu u infurmahom li fin-nuqqas hu kien ser jieqaf mix-xoghol skond il-ftehim li kellhom. Il-hlas kien dovut ghal xoghol li sar f’Dicembru, 2000 u tul is-sena 2001. Fil-fatt, minflok hallsu l-bilanc kollu dovut, ir-rikorrenti hallsu biss LM2,000 f’Gunju. Dan minkejja li r-rikorrenti kienu weghdu kemm il-darba li ser ihallsu l-bilanc kollu. Ghalhekk, l-esponenti talab il-hrug tal-Mandat odjern u ntavola wkoll citazzjoni.

4. L-esponenti waqaf mix-xoghol fit-2 ta’ Lulju, 2002. Ftit qabel ma nharreg il-Mandat, hu kien sar jaf ukoll li x-xoghol li kien qed jaghmel fl-Isptar San Luqa kien ser jitkompla minn kuntrattur iehor u dan fuq l-istruzzjonijiet tar-rikorrenti.

5. L-ilment tas-socjeta' rikorrenti, fis-sens li l-Mandat hu intempestiv, huwa ghal kollox infondat. L-esponenti talab permezz ta' ittra rakkomandata, il-hlas lilu dovut. Dan ghamlu wkoll anke verbalment, u mhux f'okkazjoni wahda. M'hemm l-ebda dover li l-interpellanza issir permezz ta' ittra ufficjali. Inoltre, jidher car mic-cirkostanzi tal-kaz li, kieku l-esponenti ma agixxiex malajr, ma kien jara lanqas lira wahda minn dak lilu dovut.

6. It-tieni ilment tar-rikorrenti donnu hu fis-sens li l-esponenti ghandu jaghtihom xi flus. Din l-allegazzjoni qeghda ssir l-ewwel darba. Qatt qabel, la verbalment u lanqas bil-miktub, ma r-rikorrenti ghamlu tali allegazzjoni u jidher car li din saret ghal kollox gratwitament.

7. Ir-rikorrenti donnhom qed jilmentaw ukoll li t-talba tal-esponenti hija minghajr bazi u eccessiva. Is-socjeta' rikorrenti donna qed tghid li l-ammont mitlub ma hux *prima facie* gustifikat. Ix-xoghol li ghamel ir-rikorrenti ma jidhirx li hu kontestat; ghalhekk kif jista' jkun kontestat il-hlas ghal dan ix-xoghol, u dan iktar u iktar meta hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet?

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors 912/02TM.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Settembru, 2002, li *in forza* tieghu l-partijiet inghataw l-opportunita jressqu l-provi taghhom bil-procedura tal-affidavit;

Rat li r-rikorrent ma ressaqx provi biex isostni t-talba tieghu;

Rat l-affidavit tal-intimat;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghad-decisjoni;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrent talab il-hrug tal-opportun kontro-mandat fuq il-bazi li l-Mandat ma giex precedut b'ittra ufficcjali kif

rikjest fl-Artikolu 836(b) tal-Kap. 12; li s-somma kawtelata hija wahda ecessiva u bla bazi ta’ xejn; li s-sekwestrant huwa, f’kull kaz, debitur tas-socjeta’ rikorrenti f’ammont akbar mis-somma kawtelata; li l-Mandat huwa wiehed frivolu u vessatorju.

Ghar-rigward ta’ l-ewwel punt, gia gie deciz minn din il-Qorti li s-sejha rikjesta bil-ligi tista’ ssir bi kwalunkwe mod, u semplici ittra jew talba verbali hi sodisfacenti (ara “Debono vs Ohio Developments Limited”, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 1998). F’dan il-kaz, jirrizulta li t-talba ghall-hlas saret kemm b’ittra, kif ukoll verbalment u dan diversi drabi, u kwindi l-posizzjoni tal-intimat hija salvagwardata.

Dwar l-argument li s-somma hi eccessiva il-Qorti ezaminat l-affidavit tal-intimat u rat li dan fih spjegazzjoni dettaljata tas-somma pretiza mill-intimat. Il-Qorti, ovvjament, mhux se tippronunzja ruhha fuq il-validita’ o meno ta’ din il-pretensjoni tal-intimat, ghax din trid tigi mistharga mill-Qorti li se titratta u tezamina l-kwistjoni imressqa mill-intimat fil-kawza li segwiet il-Mandat, pero’, jidher li l-intimat ghandu *prima facie* raguni jikawtela l-pretensjoni tieghu u l-ammont kawtelat ma jidhirx li hu eccessiv jew bla bazi, specjalment fid-dawl tal-iskrittura iffirmata mill-partijiet fis-6 ta’ Settembru, 2000. Ghall-istess raguni lanqas ma jista’ jinghad li l-Mandat huwa frivolu u vessatorju u, mill-provi li ressaq l-intimat, jirrizulta, anzi, li l-intimat kien altru milli gustifikat, almenu *prima facie*, li jitlob il-hlas ta’ xogholu u, meta ma sarx il-pagament, jikawtela l-pretensjoni tieghu.

Dwar l-allegazzjoni li l-intimat huwa debitur tad-ditta rikorrenti f’somma akbar min dik kawtelata, din il-Qorti thoss li, apparti l-fatt li dan il-kreditu ma giex muri jew indikat, mhux rilevanti l-pretensjoni li s-sekwestrat jista’ jkollu kontra s-sekwestrant. Hu maghruf li t-tpacija biex topera, anke *ipso jure,* tehtieg li d-debitu allegat mill-kontro-parti jkun wiehed likwidu, cert u dovut (ara “Grech vs Mifsud” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 ta’ April, 1982, u “Grima vs Mamo et” deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Mejju, 1998), u

semplici pretensjoni ma tistax itellef id-dritt tal-parti l-ohra li tesigi l-hlas ta' dak dovut lilha u tikawtela l-pretensjoni taghha bil-mezzi li titlob il-ligi.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma ssib ebda gustifikazzjoni biex tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, u lanqas ma tara li jinkonkorru l-elementi mehtiega biex tigi imposta garanzija fuq is-sekwestrant (ara s-sentenza ta' din il-Qorti stess fil-proceduri fl-ismijiet "John Zarb vs Port Cottonera Ltd" moghtija fit-18 ta' Settembru, 2002), jew biex dan jigi ordnat ihallas penali.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

IMHALLEF

D/REG